## 28 ta' Jannar, 1991

## Imhallfin:-

**Onor. Victor Caruana Colombo, LL.D.**
**Onor. Albert Manchè, LL.D.**
**Onor. Anton Depasquale, B.A., LL.D.**

Catherine Portelli

*versus*

Joseph Cachia *et noe.*

**Esekuzzjoni provvizorja ta' sentenza – Disprezz lejn il-Qorti – Proċedura fil-Qorti ta' l-Appell – Kontro-talba fi Proċediment Kriminali**

*Biċ-ċitazzjoni li inizjat il-proċediment odjern il-Qorti hija mitluba (1) tiddikjara illi bl-aġir tagħhom il-konvenuti ikkommettew disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti u (2) tikkomina fuq il-konvenuti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa skond il-Kodiċi tal-Proċedura.*

*Il-liġi tiddisponi li ċerti atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li għandhom jiġu inflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk.*

*Dan il-proċediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess proċediment ġie introdott biċ-ċitazzjoni, cjoè l-att li ordinarjament jinizja l-kawżi ċivili, ma jagħtix lil dan il-proċediemnt in-natura ċivili, u ma jneħħilu xejn minn natura kriminali.*

*L-istitut tar-rikonvenzjoni jappartjeni prettament lill-proċediment ċivili, u huwa inkonċepibbli fi proċediment kriminali.*

*Fl-artikoli relattivi għall-proċedura dwar id-disprezz għall-awtorità tal-Qorti l-liġi ma tippreskrivix b'liema att ġudizzjarju għandu jiġi "mħarrek" l-akkużat. Iċ-ċitazzjoni tidher li hija l-att l-aktar adatt u idoneju għal dan l-iskop.*

*Bid-digriet tal-... din il-Qorti ma ordnat xejn lill-konvenuti iżda biss awtorizzat lill-attriċi teżegwixxi provviżorjament is-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-ewwel istanza. Għalhekk ma kien hemm ebda ordni ta' din il-Qorti li ġie miksur mill-konvenuti. Għaldaqstant in-nuqqas tagħhom li jeżegwixxu volontarjament is-sentenza tal-... ma jikkostitwix disprezz ta' din il-Qorti.*

Il-Qorti:-rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi ppremettiet:

Illi permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti fit-3 ta' Diċembru, 1990, ġiet dikjarata provvisorjament esegwibbli sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tal-11 ta' Ottubru, 1990, li permezz tagħha l-konvenuti, fuq talba tal-attriċi, ġew inibiti milli jiġġestixxu jew joperaw *restaurant* jew *take away* mill-fond f'Flat 2, Shangrila Flats, Birzebbugia Square, Birzebbugia;

U illi nonostante dan fl-20 ta' Diċembru, 1990 il-konvenuti reġgħu bdew joperaw u jiġġestixxu *restaurant* u *take away* mill-fond imsemmi;

U talbet lil din il-Qorti:

(1) Tiddikjara illi bl-aġir imsemmi tagħhom il-konvenuti kkommettew disprezz lejn l-Awtorità ta' din il-Qorti;

(2) Tikkomina fuqhom dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa skond il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti illi:

(1) din il-proċedura hija rritwali u nulla peress illi proċeduri quddiem din il-Qorti ma jinbdewx b'ċitazzjoni;

(2) mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, *kontra l-eċċipjenti, ma ngħata ebda digriet validu li bih ġiet* dikjarata provviżorjament eżegwibbli s-sentenza tal-11 t'Ottubru, 1990 mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ, kif intqal fiċ-ċitazzjoni, peress illi d-digriet ma tatux l-istess Qorti li quddiemha ġie trattat ir-rikors ta' l-attriċi għall-eżekuzzjoni provviżjorja;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti li ppremettew:

Li huma jixtiequ jinqdew bil-proċedimenti mibdija mill-attriċi sabiex jipproponu huma stess il-kontro-talba tagħhom relativa għad-digriet imsemmi fiċ-ċitazzjoni u li fuqu l-attriċi qegħda tibbaża t-talbiet tagħha;

Illi d-digriet *de quo* ma ngħatax minn Qorti validament kostitwita bħala Qorti ta' l-Appell minn Sentenzi mogħtija mill-Qrati Superjuri, u lanqas mill-istess Qorti li semgħet il-partijiet *fit-trattazzjoni tar-rikors ta' l-attriċi għall-eżekuzzjoni provviżorja* tas-sentenza tal-11 t'Ottubru, 1990 mogħtija mill-Qorti tal-*Kummerċ, fil-kawża fl-ismijiet premessi;*

U talbu li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett l-imsemmi digriet mogħti fit-3 ta' Diċembru, 1990 fir-rikors ta' Catherine Portelli kontra Joseph Cachia *et;*

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi rikonvenuta;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-attriċi għall-kontro-talba tal-konvenuti:

(1) Illi t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi respinta bl-ispejjeż stante illi mhuwiex apert lill-konvenuti illi jagħmlu kontro-talba;

(2) Illi fit-tieni lok il-bażi tat-talba konvenuta hija għal kollox ineżistenti;

(3) Illi kieku stess id-digriet illi qiegħed jiġi kkontestat kien emanat mill-Qorti illi ma kinitx il-Qorti tal-Appell dan kien ifisser *illi t-talba tal-konvenuti kellha ssir quddiem dik il-Qorti l-oħra;*

Rat l-atti l-oħrajn, kompriżi dawk tad-digriet tat-3 ta' *Diċembru, 1990 ċitat fiċ-ċitazzjoni,* u semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat dwar il-kontro-talba tal-konvenuti, illi:

1. **Biċ-ċitazzjoni li inizjat il-proċediment odjern il-Qorti hija mitluba (1) tiddikjara illi bl-aġir tagħhom il-konvenuti ikkommettew disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, u (2) tikkommina fuq il-konvenuti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa skond il-Kodiċi tal-Proċedura;**

2. Dawn il-provvedimenti jikkonsistu fl-artikoli minn 988 sa 1003 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12). **Il-liġi** f'dawn l-artikoli **tiddisponi li ċerti atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti u**

***tippreskrivi*** **l-pieni li għandhom jiġu inflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk.** F'dawn il-każi l-liġi tispeċifika l-pieni taċ-ċanfira, ta' l-ammenda jew multa, jew tad-detenzjoni preskritti mill-Kodiċi Kriminali;

3. Mill-premess jidher ċar li **dan il-proċediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess proċediment ġie introdott biċ-ċitazzjoni, cjoè *l-att li ordinarjament jinizja* l-kawżi ċivili, ma jagħtix lil dan il-proċediment in-natura ċivili, u ma jneħħilu xejn minn natura kriminali.** Iċ-ċitazzjoni *f'dan il-każ m'hijiex ħlief it-taħrika ta'* **"l-akkużat"** biex **"jidher biex iwieġeb għall-akkuża"** (Artikolu 998 Kap. 12);

4. **L-istitut tar-rikonvenzjoni jappartjeni prettament lill-proċediment ċivili, u huwa inkonċepibbli fi proċediment kriminali.** Il-Mortara jiddefinixxi ir-rikonvenzjoni bħala *"quella istanza che il convenuto propone contro l'attore, in occasione del giudizio da costui promosso, per ottenere la condanna del medesimo ad una prestazione che il convenuto intende d'esigere a titolo di contropretesa." (Manuale della Procedura Civile, 5a ed. Lib. 1 para. 194).* Fil-kawżi kriminali l-akkużat *ma javvanza* ebda kontro pretesa: jissolleva l-eċċezzjonijiet biex jiddefendi ruħu mill-akkuża dedotta, u biex jiġi liberat minnha. Għalhekk il-kontro-talba hija inammissibbli f'dan il-proċediment, u l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet ta' l-attriċi għall-kontro-talba huma ġustifikati u għandhom jiġu *akkolti*;

5. Bħala konsegwenza tal-konklużjoni premessa m'hemmx lok li tiġi trattata u deċiża t-tielet eċċezzjoni ta' l-attriċi;

Ikkunsidrat dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, illi:

6. Il-konvenuti eċċepew li quddiem din il-Qorti ta' l-Appell il-proċeduri ma jinbdewx b'ċitazzjoni. Jinbdew, kif issottomettew *fit-trattazzjoni orali, bil-petizzjoni;*

7. Huwa minnu li l-artikolu 142(1) Kap. 12 igħid: "Salv kif provdut xort'oħra b'dan il-Kodiċi jew bi jew skond xi liġi oħra, quddiem Qorti ta' grad ta' appell jitmexxa b'petizzjoni." Is-subinċiż (2) ta' l-istess artikolu jiddisponi li "Il-petizzjoni għandu jkun fiha t-talba għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata jew ta' xi parti minnha;"

8. Għalkemm din il-Qorti hija ta' grad ta' appell, il-proċediment preżenti m'huwiex fl-appell. It-talba għar-revoka jew riforma "tas-sentenza appellata" hija element essenzjali ta' l-att tal-petizzjoni. Ovvjament mhux possibbli li jeżisti dan l-element fl-att promotorju tal-proċediment odjern proprju għaliex *ma hemm ebda deċiżjoni appellata*. Għalhekk ma kienx possibbli għall-attriċi li taġixxi b'petizzjoni;

9. **Fl-Artikoli** 988 sa 1003 ta' Kap. 12 **relativi għall-proċedura dwar id-disprezz għall-awtorità tal-Qorti, il-liġi** ***ma tippreskrivix b'liema att ġudizjarju għandu jiġi*** **"mħarrek" l-akkużat. Iċ-ċitazzjoni tidher li hija l-att l-aktar adatt u idoneju għal dak l-iskop.** Di fatt permezz tan-notifika taċ-ċitazzjoni, il-formola numru 6 fil-Kap. 12, il-konvenut jiġi avżat biex jidher quddiem il-Qorti, cjoè jiġi mħarrek. Inoltre ma hemm xejn fil-liġi li jippreklu di l-adoperament taċ-ċitazzjoni għat-taħrik ta' l-akkużat;

Ikkunsidrat dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, illi:

10. B'sentenza tal-11 ta' Ottubru, 1990 fil-kawża fl-ismijiet "Catherine Portelli kontra Joseph Cachia *et* ", cjoè l-istess partijiet odjerni, l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ laqgħat *it-talba attriċi u inibiet lill-konvenuti milli joperaw u jiġġestixxu restaurant* u *take-away* jew kwalunkwe forma oħra ta' negozju ta' l-istess ġeneru mill-fond Shangrila, Flat 2, Birzebbugia Square, Birzebbugia. B'rikors tal-15 ta' Ottubru, 1990 preżentat quddiem l-istess Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, l-attriċi talbet li dik is-sentenza tiġi dikjarata provviżorjament esegwibbli. Billi fil-frattemp ġew introdotti l-atti quddiem din il-Qorti, stante appell mis-sentenza msemmija, ir-rikors ta' l-attriċi ġie trattat minn din il-Qorti ta' l-Appell (Artikolu 266(3) (b) Kap. 12). Ir-rikors imbagħad ġie deċiż minn din l-istess Qorti bid-digriet tat-3 ta' Diċembru, 1990, ċitat fiċ-ċitazzjoni;

11. Mhux korrett dak li ddikjaraw il-konvenuti fit-tieni eċċezzjoni tagħhom u fid-dikjarazzjoni għall-kontro-talba li dak id-digriet mhux validu għaliex ma ġiex mogħti minn Qorti validament kostitwita bħala Qorti ta' l-Appell minn sentenzi mogħtijin mill-Qrati Superjuri, u lanqas mill-Qorti li kienet semgħet lill-partijiet fit-trattazzjoni tar-rikors imsemmi. Id-digriet di fatti ġie mogħti minn din il-Qorti ta' l-Appell kostitwita mill-Imħallfin V. Caruana Colombo, A. Manchè u A. Depasquale, li, kif ukoll hekk kostitwita, kienet semgħet it-trattazzjoni. Kif jidher mill-atti, id-digriet huwa ffirmat mill-imsemmi Mħallef V. Caruana Colombo, wieħed mill-imsemmijin Imħallfin, kif seta' jagħmel a tenur ta' l-artikolu 118 Kap. 12, li jiddisponi li "L-atti li għalihom hija meħtieġa l-firma ta' mħallef jew maġistrat, għandhom jiġu ffirmati mill-imħallef jew maġistrat tal-Qorti rispettiva, jew, meta l-Qorti hija magħmula minn iżjed minn imħallef jew maġistrat wieħed, minn wieħed minn dawk

l-imħallfin jew maġistrati.'' Id-digriet in kwistjoni, jiġifieri, fih l-elementi kollha li jirrenduh validu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fil-mertu, illi:

13. Bid-digriet tat-3 ta' Diċembru, 1990, is-sentenza ċitata ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ ġiet dikjarata provviżorjament esegwibbli. Irriżulta *''ex admissis''* li mill-20 *ta' Diċembru, 1990 'l hawn il-konvenuti fetħu l-ħanut tagħhom* fil-fond *''de quo''*, u minnu biegħu oġġetti ta' l-ikel;

14. **B'dak id-digriet tat-3 ta' Diċembru, 1990 din il-Qorti ma ordnat xejn lill-konvenuti, iżda biss awtorizzat lill-attriċi biex teżegwixxi privviżorjament is-sentenza mogħtija *mill-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel* istanza.** *Di* fatti b'*dak* id-digriet is-sentenza ta' dik l-Onorabbli Qorti ġiet dikjarata **eżegwibbli** privviżorjament a tenur ta' l-artikolu 266(1) tal-Kapitolu 12. **Għalhekk ma kien hemm ebda ordni ta' din il-Qorti li ġie miksur mill-konvenuti. Għaldaqstant in-nuqqas tagħhom li jeżegwixxu volontarjament is-sentenza tal-11 ta' Ottubru, *1990* ma *jikkostitwix disprezz* ta' din *il-Qorti*;**

15. Għall-motivi premessi:

(a) Tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet ta' l-attriċi, u *tilliberaha mill-osservanza tal-kontro-talba, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;*

(b) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, bl-ispejjeż kontra

tagħhom;

(ċ) Tiċħad it-talbiet ta' l-attriċi, bl-ispejjeż relattivi kontra tagħha.